B. Mertu

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq l-illegalità esterna minħabba nuqqas ta' motivazzjoni. Ebda bażi legali, testwali jew ġurisprudenzjali ma hija msemmija fid-deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2016, b'mod li mal-qari tagħha biss, Alex SCI, irrappreżentata mill-amministratur tagħha, ma tifhimx din id-deċiżjoni. Peress li d-deċiżjoni hija motivata fid-dritt u fil-fatt b'mod insuffiċjenti wisq, id-deċiżjoni hija vvizzjata minn illegalità esterna.

It-tieni aggravju huwa bbażat fuq l-illegalità interna (eżistenza ta' għajnuna mill-Istat u assenza ta' notifika). Il-Communauté Agglomération Côte-basque – Adour (CABAB) xtaqet, fil-kuntest tal-istrateġija ekonomika tagħha, tiżviluppa s-sit "Technocité" f'Bayonne sabiex tistabbilixxi pjattaforma speċjalizzata fil-qasam tal-aeronawtika. Għal dan l-għan, hija talbet finanzjamenti mingħand il-FEŻR, mingħand l-Istat Franċiż, mingħand il-Kunsill Reġjonali tal-Aquitaine u mingħand il-Kunsill Ġenerali tal-Pyrénées Atlantiques sabiex dawn jikkofinanzjaw il-proġett tagħha permezz tal-ħlas, minn kull wieħed minnhom, ta' EUR 1 000 000.

Minn naħa, ladarba l-elementi li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat huma ssodisfatti, dawn il-ħlasijiet jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat mhux innotifikata, kuntarja għall-Artikolu 108 TFUE.

Min-naħa l-oħra, dawn il-ħlasijiet huma inkompatibbli mas-suq komuni. Fil-fatt, il-proġett Technocité jikkostitwixxi pjattaforma industrijali u terzjarja speċjalizzata fl-iżvilupp tat-teknoloġiji l-iktar avvanzati fl-oqsma tal-aeronawtika, spazjali u tas-sistemi integrati ("embedded systems"). Dan is-settur huwa miftuħ ħafna għall-kompetizzjoni. Din l-għajnuna għaldaqstant tmur kontra l-Artikolu 107 TFUE.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ftehimiet ta' ħlas tal-għajnuna, għandu jitfakkar li l-għan ta' dawn il-ftehimiet huwa li jiġi ffinanzjat proġett ta' "Ċentru Aeronawtiku Technocité", sabiex is-sit jiġi żviluppat u jsir minnu "pjattaforma speċjalizzata fir-riċerka u fl-iżvilupp tat-teknoloġiji l-iktar avvanzati fil-qasam tal-aeronawtika, spazjali u tas-sistemi integrati". Iż-żona Technocité tkopri attivitajiet ta' kull xorta li jiġu eżerċitati minn kumpanniji mhux relatati bħal Fidal, Avantis, Decra, Sepa, Trescal, KPMG, Capgemini eċċ., jiġifieri kumpanniji li jeżerċitaw f'oqsma li ma jaqgħux taħt l-aeronawtika.

Finalment, l-għajnuna mill-Istat għandha tiġi annullata u s-somom għandhom jitħallsu lura (ara, b'mod partikolari, ir-Regolamenti Nru 734/2013 ([1]) u 2988/95 ([2]), Artikolu 4(1) u (4); Il-Kunsill tal-Istat Franċiż (KE), 2 ta' Ġunju 1992, Ġabra p. 165; KE, 6 ta' Novembru 1998, Ġabra p. 397; Il-Qorti tal-Ġustizzja, 11 ta' Lulju 1996, SFEI, Kawża C-39/94).

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 734/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat (ĠU L 204, p. 15).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

---

## Appell ippreżentat fil-5 ta' Jannar 2018 minn Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-14 ta' Novembru 2017 fil-Kawża T-831/14, Alfamicro vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-14/18 P)**

(2018/C 072/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda. (rappreżentanti: G. Gentil Anastácio u D. Pirra Xarepe, advogados)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2017, mogħtija fil-kawża T-831/14;

— tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali, sabiex tiġi deċiża skont l-Artikolu 263 TFUE.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għat-totalità tal-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

— Alfamicro ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali li ddikjarat infondata l-azzjoni ppreżentata minn Alfamicro, fejn ikkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea l-ammont ta' EUR 277 849,93, inkrementat b'EUR 26,88 ta' interessi għal kull ġurnata ta' dewmien fil-ħlas. Alfamicro tqis li l-Qorti Ġenerali jmissha ddeċidiet il-kawża billi bbażat lilha nnifisha fuq l-Artikolu 263 TFUE, u mhux fuq l-Artikolu 272 TFUE. Barra minn hekk, Alfamicro tqis li l-Kummissjoni, bħall-Qorti Ġenerali, ma osservatx, fid-deċiżjoni tagħha, li għandha n-natura ta' deċiżjoni amministrattiva, il-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' *bona fide*, u ta' ċertezza legali.

— Alfamicro ssostni li, kemm l-analiżi kif ukoll il-kuntest, tal-ittra tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2014, juru li din l-ittra tikkostitwixxi att amministrattiv deċiżjonali, jiġifieri deċiżjoni amministrattiva. Il-kliem li bih huwa redatt, il-fatt li huwa bbażat fuq verifika tal-Qorti tal-Awdituri, il-fatt li l-Kummissjoni siltet konklużjonijiet mill-verifika għall-ftehimiet kollha li fihom hija parti l-appellanti, l-aġġustamenti mwettqa mill-Kummissjoni, kollha jindikaw li din hija kwistjoni ta' deċiżjoni amministrattiva. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, li tirrifletti l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li tattribwixxi lill-azzjoni ppreżentata l-kwalità ta' azzjoni dikjaratorja u mhux ta' azzjoni li tikkontesta deċiżjoni amministrattiva, tillimita serjament id-drittijiet tad-difiża tal-appellanti. Barra minn hekk, Alfamicro tqis li l-Qorti Ġenerali kisret b'mod serju l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn il-partijiet u l-prinċipju ta' ekwilibriju kuntrattwali.

— Billi naqqset iktar minn 93 % mill-għajnuna miftehma mal-appellanti, il-Kummissjoni ma adottatx il-miżuri xierqa, hekk kif kien jimponi l-ftehim ta' għajnuna, u b'dan il-mod kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità. Billi ma kkundannatx dan l-aġir tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma tosservax u taffettwa l-prinċipju ta' proporzjonalità. Minbarra dan, il-Kummissjoni, li kellha tadotta l-miżuri xierqa, adottat miżuri li ma kinux xierqa, li kienu arbitrarji, u għaldaqstant ma hemmx ċertezza legali. Billi ma kkundannatx dan l-aġir tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali wkoll ma tosservax il-prinċipju ta' ċertezza legali.